MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 334/1990/1

**Carmel Fenech**

**vs**

**Andrew Buhagiar**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA’ L-ATTUR**

1. B’citazzjoni fil-kawza fl-ismijiet premessi l-attur, filwaqt li ppremetta illi l-fond tieghu u dak tal-konvenut huma adjacenti ghal xulxin u wara li ppremetta wkoll illi l-

konvenut hawwel fil-bitha tieghu sigar mhux fid-distanza regolamentari mill-hajt divizorju komuni bejn iz-zewg fondi; u wara li ppremetta wkoll illi l-livell tal-hamrija hi approssimattivament mitt centimetri ’l fuq mill-livell tal-kuridur tal-fond tieghu u li konsegwentement qieghed isofri dannu fl-istess fond tieghu, talab lill-Qorti:-
i) tiddikjara, permezz ta’ perit nominand, illi l-hamrija u s-sigar fil-fond tal-konvenut qed jaghmlu hsara lill-fond ta’ l-attur;

ii) tikkundanna lill-konvenut jaghmel dak kollu mehtieg u kif dirett mill-istess perit nominand, biex jelimina l-hsara fil-hajt divizorju bejn iz-zewg fondi;

iii) tikkundanna inoltre lill-istess konvenut biex jaghmel tajjeb ghad-danni gia` sofferti mill-attur; u

iv) fin-nuqqas li l-konvenut ma jottemperax ruhu kif hekk dirett, biex l-attur jigi awtorizzat jaghmel l-istess xogholijiet mehtiega a spejjez tal-konvenut;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali ta’ l-20 ta’ Frar 1990, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa:-
(i) Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni fil-kawza fl-ismijiet premessi hija intempestiva peress illi dak li ppermetta l-attur fic-citazzjoni tieghu hija semplici allegazzjoni li mhux bazata lanqas biss mic-certifikat tal-Perit Alfred Grech, Dokument A, esebit mac-citazzjoni.

(ii) Illi fit-tieni lok it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux veru li l-hamrija u s-sigar fil-fond ta’ l-eccipjent qed jaghmlu hsara fil-fond ta’ l-attur.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’sentenza taghha ta’ l-14 ta’ Novembru 1997 il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez, hlief dawk tad-digriet tat-13 ta’ Jannar, 1997, kontra tieghu.

**L-APPELL TA’ L-ATTUR**

4. L-attur hass ruhu aggravat b’din id-decizjoni u interpona appell minnha fuq l-aggravju segwenti:
(a) skond l-ewwel Qorti, l-eccezzjoni ta’ intempestivita` intavolata mill-konvenut kellha tintlaqa’ in kwantu l-esponenti ma sehhlux juri li l-hamrija u s-sigar fil-fond tal-konvenut qed jaghmlu hsara fil-fond tieghu. In sostenn ta’ din il-konkluzjoni l-ewwel Qorti strahet fuq dak ritenut mill-Perit Tekniku f’paragrafu 46.1 tar-relazzjoni tieghu;

(b) l-attur ma talabx ir-rimozzjoni tas-sigar ghar-raguni li ma kienux fid-distanza regolamentari.

Huwa evidenti minn qari u ezami tal-paragrafu surreferit mir-rapport peritali illi:-
(a) il-hsara ma gietx minnu determinata b’mod effettiv in kwantu fi kliem l-istess Perit: “Ebda tahfir ma sar biex dan seta’ jigi determinat”;

(b) huwa u jopina dwar rimedji ddikjara li dawn ma setghux ikunu definittivi ghall-lanjanzi ta’ l-attur galadarba l-madum fil-fond ta’ l-attur fuq gewwa mal-parti tal-hajt li taghmel mal-bitha tal-konvenut huwa mqieghed fl-istess livell tas-saff tal-qatran u dan “qed jikkaguna ‘*bridging*’ u f’xi grad jibqa’ dejjem jikkaguna umdita` f’dan il-hajt”.

Ma jidhirx li l-ewwel Qorti interpretat korrettement il-materja *de quo agitur* kif rizultanti mill-atti processwali.

L-ewwel talba ta’ l-attur kienet dikjaratorja tal-fatt allegat illi s-sigar u l-hamrija fil-fond tal-konvenut qed jaghmlu hsara fil-fond ta’ l-esponenti.

L-istess perit relatur ippreciza kemm fir-rapport kif ukoll meta ssejjah in eskussjoni illi:-

(i) fl-istadju tar-redazzjoni tar-rapport tieghu “ma giex stabbilit jekk fil-fond tal-konvenut bil-bini tieghu kkontribwiex ghal din l-umdita`. L-esponenti ma hux f’posizzjoni li jikkonkludi f’dan l-istadju” (paragrafu 46.3);

(ii) zied jaggungi illi “ovvjament jekk jirrizulta li l-konvenut ikkontribwixxa ghall-umdita` fil-fond ta’ l-attur, din it-talba, fl-opinjoni ta’ l-esponenti, ghandha tigi akkolta” (paragrafu 46.4);

(iii) Jissokta jelabora fl-eskussjoni illi huwa wara l-iskavar li huwa jkun jista’ jghid ahjar “il-konvenut, jew min gie qablu, hax il-prekawzjonijiet necessarji biex ma jarrekax hsara fil-fond ta’ l-attur”. Difatti huwa stess jikkonferma illi r-rapport tieghu “<u>mhux komplut</u>” u huwa meta jsir l-iskavar u jinqalghu s-sigar “li jiena nkun nista’ naghmel konstatazzjonijiet ohra vis-a-vis l-protezzjoni li ttiehdet mal-hajt biex ma jarrekax dannu lill-attur”;

(iv) Dawn u rilevanzi ohra tal-perit ghall-ewwel gew abbraccjati mill-Qorti tant li hi stess argumentat fid-digriet taghha tat-12 ta’ Dicembru 1995 illi r-rapport tal-perit mhux konklussiv kif ukoll accettat dik il-parti tar-rapport dwar in-nuqqas taz-zamma regolamentari tas-sigar u tal-hajt divizorju. Sussegwentement l-istess Qorti bidlet fehmitha mhux ghax indotta minn argumentazzjoni dwar l-ezistenza o meno tal-hsarat izda l-istess, bhal ma arginat l-fehmiet taghha fis-sentenza, fuq il-bazi zbaljata tan-nuqqas tar-rimedju effettiv.

Minn dan kollu desunt ghandu jkun lampanti illi mhux biss, in kwantu ghall-kostatazzjonijiet dwar hsarat, ir-rapport peritali kien inkonklussiv, izda sahansitra l-Qorti skartat dan il-fatt evidenti u b’illogicita` ddikkjarat illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda minhabba l-ineffettivita` tar-rimedju.

L-istess zball ghamlitu fil-kaz tad-distanza regolamentari tas-sigar, premess fic-citazzjoni. Huwa fatt inkontrastat rilevat mill-perit relatur illi l-istess sigar “huma eqreb ghall-hajt milli tiddisponi l-ligi” u jekk dawn huma l-konsegwenza tal-hsara fil-fond ta’ l-attur dawn ghandhom jigu mnehhija, ukoll jekk kienu fid-distanza regolamentari. Dan huwa

ben pacifiku, kif insibu fid-decizjonijiet a Vol.XXXVI p.I p.509; Vol.XXIV p.II p.319; Vol.X p.722:-
"Kontra l-azzjoni ghad-danni minn sigar mhux ta' ostakolu l-fatt li s-sigar ikunu mhawwlin fid-distanza legali ghax dan il-fatt ma jintitolax lil sid is-sigar jikkaguna hsara bihom lil terzi."

Ghaldaqstant l-appellant talab sabiex dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata ta' l-14 ta' Novembru 1997 billi takkolji d-domandi tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT APPELLAT GHAR-RIKORS TA' L-APPELL TA' L-ATTUR**

5. Il-konvenut appellat wiegeb hekk:
(i) Illi s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' l-14 ta' Novembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet premessi hi wahda gusta u ghalhekk timmerita li tigi kkonfermata.

(ii) Illi fic-citazzjoni tieghu l-attur appellant talab lill-Qorti biex (1) tiddikjara, permezz ta' perit nominand, illi l-hamrija u s-sigar fil-fond tal-konvenut qed jaghmlu hsara fil-fond ta' l-attur; (2) tikkundanna lill-konvenut jaghmel dak kollu mehtieg u kif dirett mill-istess perit nominand biex jelimina l-hsara fil-fond divizorju bejn iz-zewg fondi; (3) tikkundanna in oltre lill-istess konvenut biex jaghmel tajjeb ghad-danni gia` sofferti mill-attur; u (4) fin-nuqqas li l-konvenut ma jottemporax ruhu kif hekk dirett, biex l-attur jigi awtorizzat jaghmel l-istess xogholijiet mehtiega a spejjez tal-konvenut.

(iii) Illi dawn kienu t-talbiet illi l-ewwel Qorti kellha quddiemha u allura dawn kienu t-talbiet li l-ewwel Qorti kellha u setghet tiddeciedi fuqhom.

(iv) Illi jidher car mit-talbiet ta' l-attur appellant illi l-ahhar tlett talbiet tieghu jiddependu kollha fuq jekk l-ewwel Qorti setghetx tilqghalu l-ewwel talba. L-ewwel talba l-attur appellant ibbazaha fuq il-premessa illi l-konvenut appellat hawwel fil-bitha tal-fond tieghu sigar mhux fid-distanza regolamentari mill-hajt divizorju komuni bejn il-fond tieghu u dak ta' l-attur appellant u kif ukoll illi l-livell tal-hamrija hi

approssimattivament sitt centimetri 'l fuq mill-livell tal-kuridur tal-fond ta' l-attur appellant u li konsegwentement kien qed isofri dannu fl-istess fond tieghu.

(v) Illi sa mill-bidu nett ta' din il-kawza l-konvenut appellat kien eccepixxa illi c-citazzjoni kienet intempestiva peress illi dak li kien ippremetta l-attur appellant kien bazat fuq semplici allegazzjoni li ma kienet bl-ebda mod bbazata fuq il-fatti izda setghet kienet ibbazata biss fuq l-immaginazzjoni tieghu. Tant hu hekk illi lanqas mic-certifikat tal-Perit Alfred Grech, li l-istess attur appellant ipprezenta mac-citazzjoni, ma johrog illi l-umdita` li l-attur appellant ghandu fil-fond tieghu kienet kkawzata mill-hamrija u/jew mis-sigar fil-fond tal-konvenut appellat u li ghalhekk dawn il-fatturi kienu qed jikkagunaw hsara fil-fond ta' l-attur appellant. Fil-fatt jidher illi l-attur appellant haseb illi d-Dritt Proceduràli jaghtih id-dritt illi dak li kien qed jimmagina qabel ma ntavola l-kawza seta' jipprova jgib il-provi dwaru waqt il-kawza.

(vi) Illi fil-fatt l-ewwel Qorti qablet mat-tezi ta' l-esponent illi l-attur appellant ma rnexxielux jipprova illi s-sigar u/jew il-hamrija fil-fond ta' l-esponent kienu qed jikkawzaw xi hsara fil-fond tieghu. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghax ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku ma twassalx ghal sejbien ta' xi fondatezza tat-tezi ta' l-attur appellant illi l-umdita` fil-fond tieghu qed tigi kkawzata mis-sigar, ghalkemm mhux f'distanza regolamentari, u/jew mill-hamrija fil-bitha ta' l-esponent. U ddur kemm iddur mar-relazzjoni tal-Perit Tekniku jibqa' jemergi kontinwament il-fatt illi l-attur appellant ma wasalx biex jipprova s-suppozizzjonijiet tieghu fil-grad li trid il-ligi. Minghajr ma l-esponent joqghod jidhol fid-dettal ta' dak illi qal il-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu ghax dak qieghed fil-process, din hi l-konkluzjoni illi bazikament wasal ghaliha l-Perit Legali.

(vii) Illi fil-fatt waqt it-trattazzjoni tal-kawza irrizultaw diversi fatturi li minhabba fihom jista' jkun hemm l-umdita` fil-fond ta' l-attur appellant. Dawn huma dawk specjalment rigwardanti z-zmien twil illi d-dar ta' l-attur appellant damet mhux abitata u dwar il-mod kif gie

mqieghed il-madum tad-dar tieghu. Madankollu mhux ghall-konvenut illi jipprova x'inhi r-raguni ghaliex fil-fond ta' l-attur appellant hemm l-umdita` izda hu ghall-attur illi jipprova, almenu fuq bilanc ta' probabilita`, illi l-hsara li qed jallega li sofra jahti ghaliha l-esponent. Dan l-attur appellant ma rnexxielux jaghmlu u allura l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda triq ohra ghajr dik illi tichadlu t-talbiet tieghu.

Ghaldaqstant l-appellat talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fl-14 ta' Novembru 1997 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

6. Dan l-appell huwa dwar kawza ta' danni in konnessjoni ma' citazzjoni li tippremetti li l-attur appellant sofra danni minhabba l-prezenza ta' sigar u hamrija fil-fond tal-konvenut appellat ma' hajt divizorju li jifred il-proprjeta` tieghu minn dik ta' l-attur. Il-konvenut ikkontesta bis-shih dawn l-allegazzjonijiet. Jirrizulta li l-Qorti ta' l-ewwel grad innominat perit arkitett biex jirrelata dwar il-kaz. Bhala parti mill-kompitu moghti lill-perit gudizzjarju dan kellu jezamina sew dik il-parti taz-zewg fondi fejn il-hamrija u s-sigar de quo qeghdin jappoggjaw mal-hajt divizorju. Din il-kostatazzjoni jista' jkun li kienet tinnecessita r-rimozzjoni, imqar jekk temporanea, tas-sigar, x'aktarx tlieta, li jinsabu hemm imhawlin kif ukoll it-tnehhija tal-hamrija li hemm tiksi dik il-parti. Jirrizulta li meta l-perit gie biex japprofondixxi l-kwistjoni dwar jekk is-sigar kienux qeghdin jaghmlu hsara lill-fond ta' l-attur, qamet kwistjoni dwar ir-rimozzjoni o meno tas-sigar. Fi kliem iehor, ghalkemm kien gie stabbilit bhala fatt li dawn is-sigar ma kienux fid-distanza legali, biex jigi determinat "kategorikament" (fi kliem ir-relatur) jekk il-hamrija u s-sigar kienux qeghdin jikkagunaw hsara jew le lill-fond ta' l-attur, kien hemm bzonn li jsir skavar u dan l-iskavar kien jikkomprendi u jinnecessita l-qliegh tas-sigar tal-konvenut. Fil-frattemp il-konvenut intavola rikors biex l-ordni tal-Qorti moghtija fit-12 ta' Dicembru 1995 ghall-fini ta' rimozzjoni tas-sigar de quo tigi revokata contrario imperio, liema talba giet milqugha in forza ta' digriet interlokutorju moghti

fit-13 ta’ Jannar 1997. Bhala motivazzjoni ewlenija, dik il-Qorti qalet hekk (ara fol. 119, a tergo, tal-process),
“Fil-fatt (ir-relatur) kien prudenti meta qal li jaghmel l-indagni, li ghalissa ma jistax jaghmilha minhabba s-sigar, fil-kaz biss li l-Qorti tordna t-tnehhija tas-sigar f’sentenza dwar l-ewwel talba, u ma qalx li ghandhom jitnehhew qabel sabiex jaghmel l-indagni”.

Izda meta dik il-Qorti mbaghad ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha, mertu ta’ dana l-appell, hija rriteniet li (ara fol. 127 tal-process),
“Mix-xhieda, fosthom ir-relazzjoni tal-perit, jidher li lill-attur ma sehhlux juri li l-hamrija u s-sigar tal-fond tal-konvenut qed jaghmlu hsara fil-fond ta’ l-attur ...”

u dan ukoll billi;
“Ebda wahda minn dawn it-talbiet ma hija marbuta man-nuqqas fid-distanza, u ghalhekk lanqas ghal din ir-raguni ma jistghu jintlaqghu t-talbiet ta’ l-attur” (fol. 128).

7. L-aggravju ta’ l-attur hu li l-ewwel Qorti interpretat skorrettement il-punti involuti tal-vertenza kif “rizultanti mill-atti processwali”. Meta l-ewwel Qorti ddecidiet li s-sigar ma jinqalghux biex issir l-indagni opportuna minn naha tal-perit gudizzjarju, dan wassal biex “ex admissis” ir-rapport ta’ l-espert ikun wiehed inkonkluziv u, dejjem skond l-appellant billi “l-Qorti skartat dan il-fatt evidenti u b’illogicita` ddikjarat illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda minhabba l-ineffettivita` tar-rimedju”.

Minn naha l-ohra, il-parti appellata baqghet tishaq fuq l-eccezzjoni taghha li l-azzjoni attrici kienet wahda ghal kollox intempestival; li l-attur agixxa bla ma ghad kellu l-prova ta’ dak li ppremetta fl-att tac-citazzjoni dwar id-danni; u li ma giex ippruvat li l-konvenut appellat ikkaguna danni lill-kontroparti.

8. Din il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-kontendenti u ezaminat l-atti tal-process ikollha tistqarr il-perplessita` taghha ghall-mod kif l-ewwel Qorti pprocediet u finalment iddecidiet dwar it-talba ulterjuri tal-konvenut appellat biex l-ordni ghar-rimozzjoni tas-sigar tigi

revokata. Huwa veru li tali ordni kif fil-fatt inghata ghal fini ta' rimozzjoni kienet wahda ta' natura radikali u li sa certu punt tolqot proprju d-decizjoni finali, fis-sens li din timplika procedura irriversibbli.

9. Mil-provi prodotti kien jirrizulta li l-allegazzjonijiet ta' l-attur, almenu 'prima facie', ma kienux saru bl-iskop li jinxtehtu premessi fl-ajru u bla bazi, biex imbaghad, forsi, jirrizulta xi haga minnhom. Il-provi anzi juru li l-attur mexa b'mod prudenti hafna qabel ma intavola l-azzjoni tieghu u li kien invece l-konvenut li ra kif ghamel u evita sa fejn kien possibbli biex issir debita kostatazzjoni ta' l-ilmenti sollevati mill-gâr tieghu. Il-provi juru li l-attur dahal fil-fond tieghu qabel ma l-konvenut dahal fil-fond adjacenti. Mhux hekk biss imma jirrizulta li l-fond tal-konvenut gie mibni wara dak ta' l-attur u di piu` z-zewg fondi ma kenux qeghdin fuq l-istess livell. Din l-ahhar kostatazzjoni importanti wasslet lill-perit gudizzjarju biex jikkostata hekk (ara para 16, fol. 7 tar-relazzjoni, fol. 43 tal-process),
"Minhabba d-dislivell bejn il-fondi kien l-obbligu ta' min originarjament bena l-fond tal-konvenut li jiehu l-passi kollha mehtiega biex ma jirreka ebda hsara lill-bini ta' l-attur."

Ma kienx il-konvenut li bena l-fond tieghu. Li kieku l-konvenut gab prova mqar li l-awtur tieghu jew min kien responsabbli ghall-bini tieghu ha "l-passi kollha mehtiega biex ma jirreka ebda hsara lill-bini ta' l-attur" – u dan ma jirrizultax li sar – allura l-Qorti ta' l-ewwel grad kienet tkun pjenament gustifikata fl-ordni li tat. Din il-prova ma kienitx zgur tispetta lill-attur. L-attur xehed li mill-mument li l-konvenut dahal jokkupa l-fond huwa beda jirriskontra umdita` fil-hajt divizorju. Huwa minnu li jista' jkun – ghax hekk ukoll irrizulta mill-provi – li hemm fatturi ohrajn minn naha tal-fond ta' l-attur li setghu kkontribwew biex din l-umdita` tikber imma biex dan kollu jigi accertat kien hemm il-bzonn li ssir indagni sew. Din l-indagni kienet tiddependi fuq skavar tal-parti affettwata bl-umdita`, u, okkorrendo, ir-rimozzjoni temporanea tas-sigar (cioe` b'mod li lanqas issirilhom hsara) imhawlin mill-konvenut. Jekk imbaghad kellu jirrizulta li minn naha tal-fond konvenut kollox sar kif suppost u skond is-sengha, allura

“chi rompe paga”, fis-sens li f’dan il-kaz ikollu jbati l-ispejjez li jkunu saru inutilment il-parti telliefa. Mill-paragrafu 39 tar-relazzjoni ghandu jirrizulta kemm l-attur mexa prudentement qabel ma ghadda ghall-kawza in ezami. Ma kien hemm xejn ipprecipitat jew frott ta’ pika fl-agir tieghu. Anki tentattivi ghall-fini ta’ soluzzjoni bonarja gew kondotti imma dawn ma wasslu ghall-ebda ftehim. Il-provi juru inoltre li (ara para 20, fol. 8 tar-relazzjoni) mal-hamrija li l-konvenut originarjament sab f’din in-naha tal-hajt, u li dwarha sar l-ilment, huwa kompla jzid maghha u kien isaqqiha regolarment. Aktar qabel fl-istess relazzjoni, il-perit tekniku (para 18) jirreferi ghall-oneri li johorgu mill-artikolu 419(c)(d) tal-Kap. 16 dwar min jappoggja ma’ fond ta’ haddiehor u dwarhom ir-relatur ikompli hekk [fil-paragrafu 19]

“Dwar dan il-konvenut ma hux f’posizzjoni li jghid; huwa xtara l-fond tieghu mibni u lest; la jaf meta nbena u lanqas min kien l-ewwel sid.”

U allura, tistaqsi din il-Qorti, kif seta’ l-attur iressaq din il-prova hu? U jekk, fic-cirkostanzi, l-indagni li htieglu jaghmel il-perit tekniku setghet turi “kategorikament” jekk l-attur kellux ragun jew le, kif jista’ qatt ma tinghatax l-ordni biex isir l-iskavar opportun u jekk ikun il-kaz ir-rimozzjoni temporanea tas-sigar li thawlu hemmhekk minn naha tal-konvenut?

10. Illi “di diritto” huwa minnu li bil-fatt biss li jkun irrizulta li sigra ma tkunx giet imqeghda fid-distanza legali ma jfissirx bilfors li din tkun il-kagun tad-danni li dwarhom tilmenta l-parti avversa, imma anke hawn l-oneru, fil-fehma tal-Qorti, ma jaqax kollu fuq min qed jallega li sofra l-istess danni meta jkun irrizulta li l-parti l-ohra ma tkunx irrispettat x’tghid il-ligi. Multo magis meta l-parti konvenuta twiegeb li hija ma kienitx f’qaghda li tforni xi taghrif dwar kif sar ix-xoghol fuq il-fond taghha.

11. Lanqas ma taqbel din il-Qorti mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti li fl-att tac-citazzjoni ma jezistix ness bejn il-fatt li s-sigar ma gewx imhawlin kif titlob il-ligi u t-talbiet ta’ l-attur. Huwa minnu li d-dicitura uzata fit-talbiet hija wahda generika ghall-ahhar, imma kemm it-tieni kif ukoll

it-tielet premessi fl-att tac-citazzjoni huma cari u evidenti bizzejjed kif huma esposti. Huwa evidenti li l-bazi ta' l-azzjoni ta' l-attur, wahda ta' danni, hija relatata maz-zewg fatturi kif jissemmghu f'dawn iz-zewg premessi fl-att tac-citazzjoni.

12. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk l-Ewwel Qorti ddecidiet b'mod prematur meta ghazlet li toqghod fuq relazzjoni li l-konkluzjonijiet taghha gew deskritti mir-relatur innifsu bhala li huma inkonkluzivi. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti kellha tordna li jsir l-iskavar mehtieg u biss jekk ikun verament mehtieg ghall-accertament tal-kawza ta' l-allegata hsara ssir ir-rimozzjoni tas-sigar.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' l-appell ta' l-attur, tirrevoka s-sentenza appellata b'dana pero` li l-atti ghandhom jigu rinvjati quddiem l-Ewwel Qorti ghall-fini indikat fil-paragrafu precedenti u biex fid-decizjoni eventwali ta' dik il-Qorti jitqies ukoll dak li jkun irrizulta ulterjorment lill-perit gudizzjarju, wara li din tkun ukoll semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti.

13. Dwar il-kap ta' l-ispejjez qeghda tiddeciedi hekk: l-ispejjez relativi ghal dan l-appell ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn iz-zewg nahat; filwaqt li dawk relativi ghall-ewwel istanza jibqghu impregudikati sakemm tinghata s-sentenza mill-Qorti ta' l-ewwel grad u dan il-kap jigi rikonsidrat skond ma jkun gie deciz minn dik il-Qorti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------